MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Talba Numru. 521/2006

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited (C-597)**

**Vs**

**Emanuela Spiteri u David Kitcher**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm343.52c) rapprezentanti l-hlasijiet effettwati mis-socjeta' attrici ai termini ta' l-**Att Dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni** (Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta), in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet **David Grech Vs David Kitcher** (Avv. Nru. 1168/04JR – deciza 21 ta' Jannar, 2005).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' tlett mija u tlieta w erbghin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm343.52c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------